# Il-Vara Titulari ta' San Pawl fir-Rabat u l-Iskultur Tagħha

Kitba ta' Dr John Debono

Fl-1977 Dun Ġwann Azzopardi kiteb li kien sab xi faxxikli b'tagħrif ta' l-ewwel kontijiet tal-fratellanza ta' San Pawl imwaqqfa ġewwa r-Rabat nhar l-1 ta' Ġunju 1767.[1] L-ewwel faxxiklu li jkopri s-snin bejn l-1 ta' Ġunju 1767 sal-25 ta' Settembru 1774 jgħin lill-istudjużi jifhmu xi ftit aħjar dwar il-bidu ta' din l-istatwa titulari.[2]

L-istatwa x'aktarx ġiet ordnata meta l-iskultur Giovanni Caruana rċieva l-ewwel pagament ta' 20 skud nhar it-18 ta' Frar 1770, milli jidher ħlas bil-quddiem kif kien iseħħ f'obbligazzjonijiet ta' din ix-xorta f'dawk iż-żminijiet.[3] Ftit ġranet wara, nhar is-7 ta' Marzu, sar pagament ieħor lil Caruana ta' 30 skud, aktarx ukoll skond il-ftehim dwar il-kumplament tal-ħlasijiet. Dan jgħinna naħsbu li x-xogħol beda miexi ġmielu. F'data oħra li ma hix speċifikata Caruana rċieva 30 skud ieħor.[4] Ġara li bejn Marzu u d-19 ta' Mejju 1771 u bejn l-Għid tas-sena 1773 u s-16 ta' April 1774 il-fratellanza ordnat żewġ kopji tal-kuntratt ta' l-obbligazzjoni li għalihom ħallsu 4 tarì kull darba.[5] Dan seta' kien effett ta' xi nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet involuti, il-prokuraturi tal-fratellanza u l-iskultur, fuq ix-xogħol ta' l-iskultura u l-ħlasijiet tagħha.



*Ritratt ta' l-istatwa qabel ma sar l-isgraffjar u l-pedestall tal-lum. Il-pedestall oriġinali kien fih ukoll 4 anġli.*

## L-istatwa ta' San Pawl

Fi Frar 1770 kien sar l-ewwel pagament,[6] iżda l-fratellanza kienet għadha mingħajr l-istatwa ta' San Pawl sa erba' snin u seba' xhur wara, jiġifieri sa Settembru 1774. Ċertament li f'dan it-tul ta' żmien saru diversi laqgħat biex tinstab xi forma ta' soluzzjoni bejn il-partijiet, għax għalkemm l-istatwa kienet lesta, din ma ntgħoġbitx artistikament.

Nhar il-25 ta' Settembru 1774 Dun Saverio Salvaloco u Gio. Paolo Allegritto, bħala deputati tal-konfraternità ta' San Pawl, u l-Iskultur Giovanni Caruana qablu li joqogħdu għall-istima li jagħmlu l-periti esperti magħżula minnhom stess biex jiffissaw il-prezz tax-xogħol mitmum.[7] Cosmano Scolaro,[8] għan-nom ta' Caruana, u Antonio Fabri,[9] għan-nom tal-konfraternità, aċċettaw li jaslu għall-istima mitluba dwar il-valur tax-xogħol u l-injam użat fl-istatwa ta' San Pawl Appostlu. Il-prokuraturi tal-konfraternità aċċettaw li jħallsu mill-ewwel lil Caruana s-somma skond l-istima ta' l-esperti u dan mingħajr ma jirrikorru għal xi stima oħra. Il-partijiet stqarrew li dan il-ftehim qiegħed isir għax inqalgħu xi differenzi fuq il-perfezzjonament artistiku ta' l-istatwa.

Nhar l-istess jum tal-25 ta' Settembru ż-żewġ esperti magħżula Scolaro u Fabri marru personalment fil-ħanut ta' Caruana ġewwa l-Furjana biex flimkien jistmaw ix-xogħol skond il-ftehim.[10] Fil-preżenza tal-partijiet innifishom l-esperti l-injam ta' l-istatwa u l-iskultura tagħha għall-prezz ta' 75 skud. Skond il-kontijiet tal-fratellanza, Caruana iżda rċieva 80 skud b'kollox, 5 skudi differenza mill-istima ta' l-esperti, forsi ta' xi xogħol ieħor ordnat jew minħabba d-dewmien biex tħallas.[11]

Fil-ftehim dwar il-ħatra ta' l-esperti ma saret ebda referenza għall-kuntratt fejn Caruana kien ġie mqabbad jiskolpixxi l-istatwa.[12] X'aktarx fih jissemma l-għoli ta' l-istatwa ta' San Pawl, il-pożizzjoni, il-bixra esterna, il-mudell, il-kwalità ta' l-injam użat, il-prezz tax-xogħol lest, kemm irċieva l-iskultur bil-quddiem, f'kemm żmien kellu jintemm ix-xogħol, iż-żebgħa, l-induratura u tagħrif ieħor relevanti bħal forsi xi referenza għall-istatwa ta' San Pawl tal-Belt.[13] Il-prezz finalment mitlub kien jagħtina x'nifhmu jekk Caruana kellux jaħdem il-pedestall, il-bradella jew xi partijiet oħra. L-istima ta' l-esperti tkopri biss l-iskultura ta' l-istatwa. Jekk inqabblu xogħlijiet simili ta' l-istess

żmien insibu li l-Iskultur Vincenzo Dimech (1744-1803)[14] fis-snin 1773-1774 tħallas is-somma ta' 60 skud ta' statwa li tirrappreżenta lill-Madonna tar-Rużarju mingħajr pedestall u żebgħa għall-parroċċa ta' Ħal Balzan.[15] Fis-sena 1778 Giuseppe Scolaro, li flok ħuh Cosimo, aċċetta li jiskolpixxi statwa ta' l-injam ta' l-Appostlu Sant'Andrija flimkien ma' pedestall u bradella rċieva 120 skud.[16] Mill-banda l-oħra, fl-1758, l-Iskultur Andrea Imbrogl irċieva s-somma ta' 140 skud talli skolpixxa biss l-istatwa li tirrappreżenta lil Santa Katerina għall-parroċċa taż-Żejtun.[17] Dawn l-eżempji juruna li għall-ammont li tħallas Caruana ħadem biss l-istatwa.

Mill-ewwel faxxiklu tal-kontijiet (1767-1774) tal-Fratellanza ta' San Pawl nistgħu ngħidu li Caruana kien tħallas ta' xogħlu kollu.[18] Wisq probabbli li l-faxxiklu ta' wara dan, li jkopri snin 1775-1787 (li huwa mitluf), seta' jagħtina ħjiel dwar min kien l-imgħallem li ħadem il-pedestall u l-bradella u kemm swew.[19] Dan il-pedestall hu dak li ttella' mill-foss fl-1974 u li tqiegħed għall-wiri fil-Mużew Wignacourt.[20]



*Statwa tal-ġebel ta' San Mikiel Arkanġlu li tinsab fil-Belt, xogħol l-istess skultur.*

## Xi xogħlijiet oħra ta' Caruana

Għalkemm Caruana mhux xi skultur magħruf hu kien jaħdem sew fl-injam kif ukoll fil-ġebla Maltija. Fit-3 ta' Diċembru 1756 id-Duttur fit-teoloġija Dun Francesco Xuereb mill-Furjana ftiehem miegħu biex fi żmien 8 xhur jiskolpixxi statwa fil-ġebla magħrufa bħala *l'Accademia* tirrappreżenta lis-Santissimu Salvatur għall-knisja tal-Mellieħa għall-prezz ta' 5 skudi.[21] Din riedet tkun għolja 5 palmi u fil-kwalità u forma bħal dik magħmula minnu stess għall-kunvent tal-Kapuċċini ġewwa Għawdex. Xuereb intrabat li jagħti lil Caruana, fil-ħanut tiegħu ġewwa l-Furjana, fi żmien xahrejn mid-data ta' dan il-ftehim, il-ġebla neċessarja b'għoli 5 palmi, b'wisgħa minn 2 palmi u nofs sa 3 palmi u nofs u bi ħxuna ta' palm u nofs. Caruana ma kienx jibqa' obbligat li jwettaq din l-obbligazzjoni jekk din il-ġebla ma tingħatalux fi żmien miftiehem. Mal-kunsinja tal-ġebla Xuereb kellu jħallas 2 skudi lil Caruana bħala kapparra, rifondibbli f'każ li l-istatwa ma tingħoġobx, għalkemm ma jitħallasx tal-ġebla. L-ispejjeż tat-trasport ta' l-istatwa, ta' Caruana nnifsu u ta' l-ikel tal-jiem kemm idum fil-knisja tal-Mellieħa biex iwaħħal l-istatwa f'postha kienu kollha għal Xuereb.

Xogħol ieħor li wettaq Caruana kien meta nhar il-15 ta' Lulju 1757 iż-żewġ deputati kummissarji, Gioacchino Delicata u Pasquale Cachia, f'isimhom u f'isem il-Konfraternità ta' San Mikiel Arkanġlu, imwaqqfa fil-knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, fil-Belt ftiehmu miegħu biex jiskolpixxi fil-ġebla statwa ta' San Mikiel fuq pedestall bil-panew mzejjen bil-weraq fil-gwarniċjun.[22] Dan ix-xogħol kellu jitwettaq taħt id-direzzjoni ta' Francesco Zahra.[23] L-istatwa riedet titpoġġa fil-bini li kien għadu kif tlesta viċin il-knisja ta' Sant'Ursula ġewwa l-Belt. Għal dan ix-xogħol il-kummissarji aċċettaw li jħallsu 25 skud, nofshom meta nofs ix-xogħol ikun lest u l-kumplament meta jintemm kollox. Huma qablu wkoll li jekk l-istatwa togħġobhom kienu lesti li jagħtuh 5 skudi oħra.[24] Dawn huma biss żewġ xogħlijiet dokumentati milli ġew imwettqa minn Giovanni Caruana.

## Xi tagħrif fuq Scolaro u Fabri

Fit-tielet kwart tas-seklu tmintax minn barra Giovanni Caruana, Cosimo Scolaro u Antonio Fabri nsibu skulturi oħra bħall-aħwa Francesco u Vincenzo Dimech, Giuseppe Scolaro ħu Cosimo, Felice Zahra, Giovanni Fabri u oħrajn.

Cosimo Scolaro, bin Michele u Franciscita, kien l-iżgħar wieħed fost ħdax-il wild.[25] Meta twieled nhar it-13 ta' Lulju 1736 ingħata l-ismijiet ta' Ignatius, Joannes u Cosmus fil-magħmudija.[26] Meta kellu madwar 23 sena, nhar it-30 ta' April 1759, iżżewweġ fil-parroċċa ta' l-Isla lil Theresa Grech bint Giuseppe u Clara.[27]

Cosimo tgħallem u akkwista s-sengħa ta' skultur mingħand ħuh il-kbir Giuseppe. L-aħwa Scolaro ħadmu kemm għal rashom kif ukoll flimkien. Fl-

1769 dawn l-aħwa rċevew is-somma ta' 75 skud dovuti tax-xogħol ta' skultura ta' pulptu għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien.[28] F'April 1783 Cosimo ġie mqabbad biex jiskolpixxi għall-prezz ta' 40 skud il-gwarniċjun ta' l-artal iddedikat lil Santa Luċija fil-knisja ta' San Publiju ġewwa l-Furjana.[29] Fl-1765 flimkien ma' Pietro Borg u l-aħwa Francesco u Vincenzo Dimech ħadmu xogħol ta' skultura fuq il-bastiment navali *San Zaccaria* ta' l-Ordni ta' San Ġwann.[30] Dawn huma biss ftit eżempji tax-xogħol li twettqu minnu.

Antonio Fabri, bin Lorenzo u Angele, jidher li twieled lejn is-sena 1740.[31] Nhar it-2 ta' Lulju 1759 iżżewweġ fil-knisja ta' San Duminku ġewwa r-Rabat lil Francesca Camilleri bint il-mejjet Giuseppe u Maria.[32] Huwa miet fl-10 ta' Lulju 1807 fl-età ta' madwar 67 sena u ġie midfun fil-knisja Ta' Ġieżu ġewwa r-Rabat.[33]

Antonio kien ġej minn familja ta' skulturi li oriġinaw fil-Birgu u li kienet tmur lura ta' l-inqas sa mill-aħħar snin tas-seklu sbatax. Fost xi xogħlijiet li ġie mqabbad insibu li fl-1 ta' Frar 1762 Gio. Maria Galea, bħala l-prokuratur tal-knisja ddedikata lill-Madonna ta' l-Isperanza, li kienet għadha kif inbniet fil-Mosta,[34] ftiehem ma' Antonio biex jiskolpixxi l-faċċata 'l fuq mill-bibien, il-kaptelli u l-kantunieri skond id-disinn.[35] Dan ix-xogħol ried jitlesta sa l-aħħar ta' Awissu għall-prezz ta' 27 skud 6 tarì u li minnhom Antonio rcieva 15 skud 3 tarì bil-quddiem.


Giovanni Caruana

Waħda mill-irċevuti ta' l-iskultur.

Xogħol ieħor importanti li ħadem Antonio kien fil-knisja tad-Dumnikani ġewwa r-Rabat. Fit-13 ta' Mejju 1764 il-prokuraturi tal-Konfraternità tar-Rużarju ta' din il-knisja ftiehmu miegħu biex jiskolpixxi l-artal iddedikat lill-Madonna skond disinn li kien uriehom b'tibdil żgħir.[36] Flok l-arzell fiż-żewġ niċeċ kellu jagħmel żewġ puttini, wieħed kull naħa u flok ornament ta' fuq il-kwadru kellu jiskolpixxi żewġ puttini oħra b'kuruna fuqhom. Il-gwarniċjun tal-kwadru kellu jiġi skolpit bħal dak li kien hemm madwar il-kwadru tal-kor. Fabri kellu jagħmel ukoll żewġ twieqi bħal dawk eżistenti fin-navi. Fl-aħħarnett fl-artal kellu jagħmel żewġ mensuli. Ix-xogħol ried jitlesta fi żmien disa' xhur għall-prezz ta' 175 skud li minnhom jirċievi 90 skud malli jtemm ix-xogħol. Hu aċċetta li jitħallas 4 tarì kull ġurnata li jkun fuq ix-xogħol u li din is-somma mbagħad titnaqqas mid-90 skud miftehma.[37] Kellhom jitnaqqsu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għat-trasport ta' l-għodda u fallakki biex hu jkun jista' jarma l-pontijiet meħtieġa. Fabri kellu jirċievi l-kumplament tas-somma, 85 skud, f'ammonti ta' 25 skud kull sena għall-perjodu ta' tliet snin li jibdew jgħoddu minn meta jtemm ix-xogħol.

Milli jidher sas-sena 1772 il-kampnari tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija kien jonqoshom xi xogħol.[38] Nhar l-20 ta' Mejju 1772 Antonio Fabri ftiehem mal-prokuratur, Dun Giuseppe Gilestri, biex iġib fi tmiemu x-xogħol diġà mibdi fiż-żewġ kampnari tal-knisja skond id-disinn u konformi mal-parti lesta tax-xellug.[39] Hu kellu jillestieh sas-6 ta' Awissu ta' wara għall-prezz ta' 40 skud li minnhom irċieva 10 skudi bil-quddiem. Il-kumplament tal-flus kellu jitħallas f'ammonti ta' 2 skudi 6 tarì kull ġimgħa ta' xogħol, bl-aħħar pagament fit-tmiem.

Lejn l-aħħar għoxrin sena tas-seklu tmintax in-naħa tal-kor tal-Katidral ġiet irranġata u miksija bl-irħam.[40] Qabel ma nbeda x-xogħol Antonio Fabri ġie mqabbad biex iħejji mudell ta' l-injam tal-post. Fis-16 ta' Awissu 1779 Mastru Albino Grech mill-Belt stima l-injam u x-xogħol ta' Fabri għal 30 skud.[41]

Xi kultant l-iskulturi ma kinux jiffissaw prezzijiet għax-xogħol li jkun ġie ordnat għandhom mill-prokuraturi u xi drabi oħra ma kienx jintlaħaq ftehim aħħari fuq il-prezz finali. F'dawn il-każijiet il-partijiet kienu jappuntaw skulturi oħra bħala esperti biex jiffissaw il-prezz huma. Hekk ġara meta fl-1788 intemmet l-iskultura fuq l-artal iddedikat lill-Madonna tal-Konsolazzjoni fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.[42] Il-partijiet ħatru skulturi oħra biex jaslu għall-prezz xieraq. Fid-19 ta' Mejju Felice Zahra għan-nom ta' Fabri u Giovanni Fabri għan-nom tal-Prokuratur Pietro Xerri stmaw ix-xogħol għal 223 skud.[43] Dawn l-eżempji jagħtuna ħjiel tax-xogħol li Fabri kien jaħdem kemm fil-ġebla kif ukoll f'materjali ieħor.[44]

## Tagħrif bijografiku fuq Giovanni Caruana u l-familja tiegħu

Fil-25 ta' Ottubru 1739 Giovanni, bin Andrea Caruana u l-mejta Maria mis-subborg tal-Furjana, iżżewweġ lil Rosa, bint Giuseppe Micallef u Maria mill-istess subborg[45] u li kellha 17-il sena.[46]

Minn dan iż-żwieġ Giovanni u Rosa kellhom ta' l-inqas disa' ulied li ngħataw dawn l-ismijiet fil-magħmudija: Andreas, Joseph, Felix (21 ta' April 1741);[47] Maria, Catharina, Beatrix (26 ta' Novembru



1742); Petrus, Paulus, Marchus, Antonius (31 ta' Jannar 1745); Fabritius, Theodorus (4 ta' Ġunju 1748); Carolus, Marianus, Antonius, Aloysius, Nicolaus (11 ta' Settembru 1751);[48] Joseph, Julius, Marcus, Antonius, Calcedonius (15 ta' Novembru 1753); Julius, Publius, Calcedonius, Liberatus (20 ta' Jannar (1757); Thomas, Salvator, Liberatus (26 ta' Settembru 1759) u Georgius, Vincentius, Moyses, Emanuel (18 ta' Novembru 1763).[49] Joseph, l-ewwel wild tal-familja Caruana, miet nhar il-15 ta' Awissu 1741 fl-età ta' erba' xhur.[50]

Skond l-i*Status Animarum* tal-parroċċa ta' San Pawl ġewwa l-Belt il-familja Caruana mhux dejjem insibuha mniżżla fl-istess kwartier tas-subborg tal-Furjana. Hekk per eżempju bejn is-snin 1748 u 1751 insibuha fil-*Quartiere Settimo detto delle Loggie*;[51] fl-1752 insibuha fil-*Quartiere Quinto detto delle Loggie*[52] u fis-snin 1753 u 1756 fil-*Quartiere Sesto della Croce*.[53] Milli jidher f'xi snin ta' bejn 1757 u 1774 il-familja ta' Giovanni ma baqgħetx tgħix fil-parroċċa ta' San Pawl iżda fil-parroċċa ta' San Duminku ġewwa l-Belt stess.[54] Ġara li bejn is-snin 1775-1783 il-familja Caruana reġgħet marret fil-parroċċa ta' San Pawl u kienet tgħix fis-subborg tal-Furjana fil-*Quartiere Ottavo delle Loggie*.[55]

Aktarx li l-aħħar snin ta' ħajjithom Giovanni u martu Rosa għaddewhom fil-parroċċa ta' San Duminku. Giovanni miet qrib il-21 ta' Mejju 1809.[56] Rosa, armla ta' Giovanni, mietet nhar l-1 ta' Frar fl-1818 fl-età ta' 95 sena u ndifnet fil-kunvent tal-Kapuċċini ġewwa l-Furjana subborg tal-Belt Valletta.[57]

## Konklużjoni

Barra l-istatwa titulari ta' San Pawl ġol-Belt li kienet inħadmet minn Melchiorre Gafà (1635-67) fl-1659[58] insibu li sa nofs is-seklu tmintax il-parroċċi ta' San Ġorġ ġo Ħal Qormi u ta' San Nikola fis-Siġġiewi diġà kellhom il-vari titulari tagħhom maħduma mill-Iskultur Malti Pietru Felici.[59] Ftit wara, fl-1758, insibu l-istatwa ta' Santa Katerina taż-Żejtun skolpita minn Andrea Imbrogl.[60] Id-drawwa kompliet tixtered għax prokuraturi ta' knejjes parrokkjali oħra Maltin bdew jordnaw statwa tal-qaddis/a patrun, skolpita fl-injam, biex hekk tkun tista' toħroġ proċessjonalment nhar il-festa titulari u tikber id-devozzjoni lejh/a. Dan ifisser li dik ta' San Pawl tar-Rabat kienet waħda mill-ewlenin ordnati għal dan l-għan.

1 Ġ. Azzopardi, 'L-Istatwa ta' San Pawl', fi *Il-Festi Tagħna 1977*, Rabat, Malta, 1977, mhux paġnat.

2 A(rkivju) K(atidral) M(dina), C(urja) E(piscopalis) M(elitensis), MS. Conti 163: Conto che rende il Signor Don Paolo Zahra come procuratore della Veneranda Confraternita di Sacco sotto titolo di San Paolo Apostolo eretta nella Santa Chiesa Parrocchiale di San Paolo fuor le mura della Città Notabile dal primo Guigno 1767 sino li 25 Settembre 1774.

3 Dan il-ħlas u ta' wara saru mill-prokuratur stess Dun Paolo Zahra: *ibid.*, f.63$^{v}$. Hawn ta' min isemmi wkoll il-ħlas ta' 7 tarì għall-kiri ta' kaless li wassal lill-prokuratur biex jiffirma l-kuntratt ta' l-obbligazzjoni ta' l-iskultur Caruana: *ibid.*, f. 32$^{v}$.

4 Dan il-ħlas sar minn Dun Felice Portelli: *ibid.*, f. 63$^{v}$.

5 *Ibid.*, f. 33.

6 Ara nota 3.

7 A(rkivju) N(utarili) V(alletta), Nut(ar) F. Camenzuli, R 128/14 (1774-1776), ff. 62$^{v}$-63$^{v}$ (1774-1775). Il-kuntratt oriġinali jinsab *idem.*, MS. 656/14, ff. 44-44$^{v}$. Ara Dok 1.

8 Għal aktar tagħrif fuq Scolaro, ara J. Debono, 'Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha', f'*Leħen il-Parroċċa Ħal Luqa*, nru. 366 (Lulju-Awissu 2005), 4-10.

9 Għal aktar tagħrif fuq Fabri, ara *id.*, 'L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fis-Sannat u l-iskultur tagħha,' *Il-Mument*, 24 ta' Lulju 2005 u aktar 'l isfel.

10 ANV, Nut. F. Camenzuli, R 128/14 (1774-76) ff. 63$^{v}$-64$^{v}$ (1774-1775). Il-kuntratt oriġinali jinsab *idem.*, MS. 656/14, f. 44$^{v}$. Ara Dok. 2.

11 AKM, CEM, MS. Conti 163, ff. 35, 63$^{v}$ u 65.

12 F'obbligazzjonijiet ta' natura sagra, qabel il-ftehim, il-prokuraturi tal-konfraternità jew tal-parroċċa stess kienu jippreżentaw rikors lill-awtoritajiet ekklesjastici għall-approvazzjoni ta' l-Isqof. Tgħid din id-darba ma sarx?

13 Hekk ġara fl-1842 meta l-prokuraturi tal-parroċċa ta' Ħal Safi ordnaw l-istatwa ta' San Pawl għand l-iskultur Alessandro Farrugia: ANV, Nut. M. Troisi Menville, R 460/61 (Jannar 1842 - Frar 1843), ff. 465$^{v}$-468$^{v}$ (1842), 4 ta' Ottubru 1842. Għal aktar tagħrif fuq il-ħidma ta' l-iskultur Farrugia, ara J. Debono, 'L-Istatwa Titulari ta' Ħal Tarxien u l-Iskultur Tagħha', f'*Tarxien Ħarġa Speċjali tal-Festa 2006*. Ara wkoll nota 55.

14 Għal aktar tagħrif dwaru, ara J. Debono, 'L-Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-1781 u ta' l-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħom', fil-*Festi Solenni Madonna tal-Karmnu Belt Valletta –2006*.

15 ANV, Nut. A. Zerafa, R 509/43, ff. 528$^{v}$-530, datat id-9 ta' Diċembru 1773. Għal aktar dettalji, ara Debono, 'L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.'

16 Ara nota 8.

17 Għal aktar dettalji, ara J. Debono, 'Il-Vara Titulari taż-Żejtun u l-iskultur tagħha', *It-Torċa*, 15 ta' Mejju 2005.

18 AKM, CEM, MS. Conti 163.

19 Azzopardi.

20 Għal aktar tagħrif, ara *ibid.*

21 ANV, Nut. C.P. Camilleri, R 133/12, ff. 310$^{v}$-311$^{v}$.

22 ANV, Nut. F. Alfano, R 15/21 (1755-1757), ff. 504-505 (1756-1757).

23 Zahra kien wieħed mill-aħjar pitturi Maltin tas-seklu tmintax. Għal aktar tagħrif fuqu, ara l-artikli fi *Francesco Zahra (1710-1773)*, ed. J. Azzopardi, Malta 1986.

24 Fit-30 ta' Awissu 1757 Caruana rċieva 30 skud: ANV, Nut. F. Alfano, R 15/21 (1755-1757), f. 504 (1756-1757), kuntratt marġinali.

25 Ara nota 8.

26 A(rkivju) P(arrokkjali) B(ormla), Liber Baptizatorum, vol. 5 (1724-1743), f. 173$^{v}$.

27 A(rkivju) P(arrokkjali) I(sla), Libro Matrimoni, vol. ii (1715-1773), pp. 514-515.

28 ANV, Nut. F. Glison, R 296/1, ff. 481-481$^{v}$, datat id-9 ta' Frar 1769.

29 ANV, Nut. G. A. Vella, R 472/36, ff. 494-495.





30 B(ibljoteka) N(azzjonali) V(alletta), Arkivju ta' l-Ordni ta' San Ġwann 1873, Conti della cassa della Congregazione delle Navi 1755-1768, f. 426$^{v}$.

31 Nafu li kellu sitt ħutu oħra li kollha tgħammdu fil-parroċċa ta' San Pawl ġewwa r-Rabat. Dawn kienu Eugenia Francesca (25 ta' Jannar 1744), Anna Maria (24 ta' Frar 1748), Gaetanus (25 ta' Ottubru 1750), Maria (27 ta' Marzu 1752), Joseph (2 ta' Ġunju 1755) u Palma (27 ta' Novembru 1758): A(rkivju) P(arrokkjali) M(dina), Liber Baptizatorum, vol. iv (1716-1751), ff. 337, 388 u 423 rispettivament; vol. v (1752-1775), f. 6 u 55 rispettivament u vol. vi (1776-1803), f. 146. Nixtieq nirringrazzja lil Monsinjur Ġwann Azzopardi ta' din l-informazzjoni. Minn tiftix li għamilt ġewwa l-parroċċi tal-Birgu u ta' Bormla ma nstab xejn fuq it-twelid ta' Antonio.

32 APM, Liber Martimonii, vol. iv (1723-1774), p. 394. Nhar is-17 ta' Ġunju 1759 saret il-kitba taż-żwieġ. Maria, omm Francesca, iddotat lil bintha b'terz ta' għalqa fl-inħawi tal-Buskett magħrufa ta' Sabbat. Antonio, l-għarus, ġie mwiegħed 87 skud 6 tarì li parti minnhom 40 skud hekk kif jiżżewweġ u l-kumplament meta jkun jixtieqhom. Huwa rċieva żewġ legati taż-żwieġ li kienu jikkonsistu fi 15 u 10 *oncie* rispettivament. Maria wegħdet ukoll b'kemm jiswew 150 skud f'oġġetti bħal ħwejjeġ, deheb u fidda. Min-naħa l-oħra, Lorenzo, missier Antonio, wegħdu li jagħtih 100 skud mill-proprjetà ta' zijuh Dun Carmine Fabri meta dan imut. Antonio wiegħed li jagħti lill-għarusa s-somma ta' 51 skud jekk imut qabilha. Din is-somma tkun mill-qligħ li kien jista' jkollu mix-xogħol: ANV, Nut. S. Vitale, R 485/19, ff. 922-927.

33 APM, Liber Defunctorum, vol. v (1801-1809), f. 68.

34 E.B. Vella u oħrajn, *Storja tal-Mosta*, Malta 1972, 96-100.

35 ANV, Nut. S. Vitale, R 485/22, ff. 582$^{v}$-583$^{v}$.

36 *Ibid.*, R 485/25, ff. 842-844. Nhar id-29 ta' Mejju l-patrijiet Dumnikani rratifikaw u approvaw il-kuntratt li sar bil-kundizzjoni li ma' l-iskultura ta' fuq l-artal kellu jżid kapitell skond id-disinn u jekk dan ma jogħġobhomx kellu jsir mill-ġdid minn skultur ieħor a spejjeż ta' Fabri. Din il-kundizzjoni kienet tgħodd għal kull skultura li ma kinitx issir skond id-disinn: *ibid.*, ff. 844-845.

37 Fl-10 ta' Novembru 1764 Fabri rċieva 42 skud bħala parti mill-ħlas: *ibid.*, f. 842$^{v}$, kuntratt marġinali. Fis-16 ta' Marzu 1765 reġa' rċieva s-somma ta' 40 skud 2 tarì: *ibid.*, f. 842, kuntratt marġinali.

38 Għal aktar tagħrif fuq il-kampnari, ara V. Borg, 'Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija sa Jum il-Konsagrazzjoni Tagħha', f'*Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija*, ed. V. Borg. Malta 1982, 66-8. Ara wkoll, A. Zammit, 'Il-Knisja ta' Ħal Lija u l-Arkitett Tagħha', *ibid.*, 111.

39 ANV, Nut. M. Agius, R 8/19, ff. 255$^{v}$-256.

40 Għal aktar tagħrif, ara V. Borg, 'Christian Heritage and Malta Stone', f'*Cathedral and Diocesan Museums: Cross Roads of Faith and Culture*, ed. V. Borg, Malta 1995, 104.

41 ANV, Nut. G. Magri, R 327/12, ff. 679-679$^{v}$.

42 S. Ciappara, *Storia del Zebbug u sua Parrocchia*, Malta 1882, 64. Għal aktar xogħlijiet ta' Fabri f'din il-knisja, ara L. Vella, *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ*, ed. L. Cachia, Malta 1986, 61, 63 u 66-7.

43 ANV, Nut. G. Bonavita, R 64/8, ff. 974$^{v}$-975.

44 Debono, 'L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fis-Sannat'.

45 A(rkivju) P(arrokkjali San) P(awl) V(alletta), Liber Coniugatorum, vol. vii (1731-1748), f. 129$^{v}$. Giovanni aktarx li kellu madwar 23 sena meta żżewweġ.

46 Skond l-i*Status Animarum* tas-sena 1739 il-familja Micallef kienet tabita ġewwa l-kwartier magħruf *Quartiere Settimo detto delle Loggie* u kienet tikkonsisti f'Giuseppe ta' 61 sena, martu Maria ta' 44 sena u tliet uliedhom Rosa ta' 17-il sena, Teresa ta' 9 snin u Salvadore ta' sentejn: *ibid.*, Status Animarum (1734-1743), f. 363.

47 *Ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. viii (1727-1742), f. 375$^{v}$.

48 *Ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. ix (1742-1753), ff. 15, 70, 151 u 228$^{v}$ rispettivament.

49 *Ibid.*, Liber Baptizatorum, vol. x (1753-1766), pp. 8, 166, 318 u 573 rispettivament.

50 *Ibid.*, Liber Mortuorum, vol. vi (1730-1744), f. 251. Jista' jagħti l-każ li xi oħrajn kienu mietu wkoll.

51 *Ibid.*, Status Animarum (1744-1753), ff. 334$^{v}$, 404$^{v}$, 474 u 545.

52 *Ibid.*, f. 618$^{v}$.

53 *Ibid.*, f. 692$^{v}$ u Status Animarum (1754-1763), ff. 53 u 198.

54 F'dawn is-snin il-familja Caruana donna ma tibqax tagħmel parti mis-subborg tal-Furjana u għalhekk ma tidhirx fl-i*Status Animarum* ta' San Pawl. Nhar l-10 ta' Frar 1768 Paolo Caruana, it-tifel ta' Giovanni u Rosa, iżżewweġ lil Theresa Cumbo u fiċ-ċertifikat jgħid li kien qiegħed jgħix fil-parroċċa ta' Porto Salvo: *ibid.*, Liber Coniugatorum, vol. ix (1767-1779), p. 62.

55 *Ibid.*, Status Animarum (1774-1783), ff. 151, 403$^{v}$, 483$^{v}$, 565$^{v}$, 643, 716 u 792$^{v}$. Bi żball fis-snin 1781, 1782 u 1783 il-kappillan qaleb il-kunjom Caruana għal Cremona: *ibid.*, ff. 643, 716 u 792$^{v}$.

56 L-indiċi tal-mejtin (Morti Indice 1787-1830) juri li Joannes Caruana jinsab imniżżel f'paġna 86 tal-Liber Mortuorum, volum viii, iżda għal xi raġuni mhux imniżżel hemm: A(rkivju) P(arrokkjali San) D(uminku Valletta).

57 *Ibid.*, Liber Mortuorum vol. viii (1805-1830), f. 216$^{v}$.

58 Għal aktar dettalji fuq din l-istatwa, ara J. Ciarlò, *The Hidden Gem St. Paul's Shipwreck Collegiate Church – Valletta Malta*, Malta 1993, 42-3.

59 V. Borg, 'Pietru Felici – l-Iskultur ta' l-Istatwa Proċessjonali ta' San Ġorġ', f'*Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi Erba' Sekli ta' Storja*, ed. J.F. Grima, Malta 1984, 93-5.

60 Ara nota 17.



**Dok. 1**

*Kuntratt fuq naħa waħda Dun Saverio Salvaloco u Gio. Paolo Allegritto, bħala deputati tal-Konfraternità ta' San Pawl fir-Rabat, u fuq in-naħa l-oħra l-Iskultur Giovanni Caruana li qablu li jaħtru periti esperti f'dan il-qasam ta' xogħol ta' l-iskultura biex jaslu għal deċiżjoni u jiffissaw il-prezz dovut għall-istatwa ta' San Pawl, 25 ta' Settembru 1774.* ANV, Nut. F. Camenzuli, R 128/14 (1774-1776), ff. $62^{v}$-$63^{v}$ (1774-1775).

[f. 62u] [Fil-marġni] Instrumentum Inter Dominum Don Xaverium Salvaloco, et alium nomine... et Magistrum Joannem Caruana

Adi 25 del mese di Settembre ottava Indizione 1774

Personalmente costituiti avanti di noi notaro e testimonii infrascritti il Reverendo Signor Don Saverio Salvaloco del fù Paolo, e mastro Gio. Paolo Allegritto figlio di Pasquale ambidue del subborgo della Città Notabile, e mastro Giovanni Caruana del fù Andrea della Floriana da me notaro conosciuti devenendo nel presente istromento cioè li detti Signori Don Saverio e mastro Gio. Paolo come specialmente deputati [f. 63] dalli confratelli della Confraternita di S. Paolo eretta nella Veneranda Chiesa sotto titolo di S. Paolo situata in detto subborgo ed il sudetto mastro Giovanni a nome suo proprio, di comun consenso, divennero alla stipulazione del presente istromento. In vigor del quale li predetti contraenti proprio, ed a nome come sopra, spontaneamente hanno promesso, e promettono e solennemente si sono obligati, e s'obligano di dover stare, ed acquietarsi alla stima, che deve farsi dalli maestri Gusmano Scolaro, ed Antonio Fabri periti dalli sudetti contraenti bonariamente eletti, cioè il detto Scolaro dall'antedetto Caruana, ed il riferito Fabri dalli sunominati deputati, e ciò ad effetto di stimare il valore della statua di S. Paolo Apostolo dal detto mastro Caruana fatta, e lavorata di commissione delli sudetti confratelli perfezionata, come esso Caruana disse, e sua legname, e la somma che risulterà da tale stima, essi Signori Deputati spontaneamente promettono, e s'obligano dare, e pagare al prenominato mastro Caruana stipulante, come banco in danari contanti nella Città Valletta d'un subito, che sarà seguita la detta stima, e non altrimente, senza eccezione alcuna etc, e ciò senza poter li medesimi contraenti [f. $63^{v}$] proprio, e a detto nome poter domandare altra stima, ne più della stima, e non altrimente etc. Renunciando etc.

E tale istromento è stato stipulato trà essi contraenti, stante che trà loro insorsero alcune differenze sopra la perfezione di detta statua, e non altrimente etc.

Tutte le quali cose etc.

E cosi hanno giurato etc. Onde etc.

Fatto, e stipulato in Malta, e nella Floriana in presenza di mastro Benigno Mercieca del fù Giacomo di detta Floriana, e Glaudio Mifsud del fù Antonio della Città Valletta Testimonii etc.





**Dok. 2**

*Kuntratt fejn il-periti magħżula Cosimo Scolaro u Antonio Fabri wara li eżaminaw ix-xogħol waslu għall-prezz ta' 75 skud, 25 ta' Settembru 1774.* ANV, Nut. F. Camenzuli, R 128/14 (1774-1776), ff. $63^{v}$-$64^{v}$ (1774-1775).

[f. $63^{v}$] [Fil-marġni] Relatio Magistrorum Cosmae Scolaro et Antonii Fabri Pro D. Don Saverio Salvaloco nomine et aliis

Adi detto 25 del mese di Settembre ottava Indizione 1774

Personalmente costituiti avanti di noi Notaro, e testimoni infrascritti mastro Gusmano Scolaro del fù Michele della Burmula, e mastro Antonio Fabri figlio di Lorenzo al presente abitante nel subborgo della Città Notabile da me notaro conosciuti, devenendo nel [f. 64] presente istromento come periti bonariamente eletti in vigor dell'istromento oggi poco fà stipulato in atti miei cioè il detto Gusmano per parte di mastro Giovanni Caruana, ed il sudetto Fabri per parte del Reverendo Signor Don Saverio Salvaloco, e mastro Gio. Paolo Allegritto come deputati dalli confratelli della Veneranda Confraternità di S. Paolo eretta in detta chiesa situata fuori delle mura della Città Notabile, e ciò ad effetto di stimare la statua da loro commissionatagli rappresentante S. Paolo Apostolo se' è lavorata, e finita di tutto, ed anche la legname.

Dissero d'essersi seriamente portati nella Floriana, e nella bottega del detto mastro Giovanni, ed ivi dopo d'aver vista, e rivista, e maturatamente osservata, (e considerata detta statua con averla pure misurata secondo) l'arte, quella stimorono, siccome stimano valere nello stato, in che trovasi, compresa la legname, scudi settanta cinque di questa corrente moneta, essendo in tale stima, presenti essi signori Don Saverio, e mastro Gio. Paolo, ed il sudetto mastro Giovanni consenzienti, ed accettanti, e non altrimente etc.

E questa è la loro relazione, e stima fatto con loro giuramento, siccome hanno giurato etc. Onde etc.

[f. 64v] Fatto, e stipulato in Malta nella Floriana in presenza di mastro Benigno Mercieca del fù Giacomo di detta Floriana, e di Glaudio Mifsud del fù Antonio della Città Valletta testimonii etc.

*Il-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzja lid-ditti kollha li rreklamaw f'dan l-ktieb; u jħeġġeġ lilkom qarrejja biex tagħmlu użu mis-servizzi tagħhom. Infakkrukom li dan il-ktieb ma setax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna ta' dawn id-ditti.*

